# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 1650/00/SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Abdel Karim Lassoued u martu Therese Grech Lassoued.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u sitta u disghin Liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (LM996.94) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 u A 2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sal-jum tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Marzu, 2000 (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-18 ta' Jannar tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**